Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 24 ta' Jannar 2001.

Avviz Nru: 647/00

Atlas Insurance Agency Limited agenti Malta tas-socjeta' estera Axa Insurance p.l.c. proprio u kif surrogata fid-drittijiet ta' Michael Attard Limited

Vs

Sea Malta Company Limited Cargo Handling Company Limited

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici fil-kwalita' premessa talbet il-kundanna tal-konvenuti jew min minnhom li jhallsu lill-istanti s-somma ta' hames mija u tnejn u erbghin lira u ghaxar centezmi (Lm542.10c) bhala danni mgarrba mis-socjeta' attrici ai termini ta' polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur u l-assigurat tieghu li permezz taghha l-attur kellu jiddenizza lill-assigurat tieghu fl-ammont ta' erba' mija sitta u tmenin lira u ghaxar centezmi (Lm486.10c) danni sofferti fil-merkanzija ta' vetturi Peugeot li waslu Malta fuq il-vapur Maltese Falcon fl-24 ta' Mejju 1999 ma

liema ammont ta' danni jizdied ammont ta' sitta u hamsin lira (Lm56) survey fee inkorsi mis-socjeta' attrici u ghalhekk danni totali fl-ammont ta' Lm542.10.

Prevja id-dikjarazzjoni li huma jew min minnhom kienu responsabbli ghad-danni mgarrba mill-attur.

Bl-ispejjez u interessi mid-data tan-notifika tal-avviz kontra l-konvenuti jew min minnhom ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited fejn ecceppiet bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, ghandu jigi ppruvat li n-nuqqasijiet dedotti fl-avviz ta' l-attur sehhew waqt illi l-vetturi mertu tal-vertenza odjerna kienu fil-kustodja u taht il-kontroll assolut u supervizjoni tas-socjeta' konvenuta u li l-istess vetturi gew ikkonsenjati lis-socjeta' konvenuta ezenti mill-istess hsarat jew nuqqasijiet.

2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' konvenuta m'hijiex responsabbli ghall-hsarat u n-nuqqasijiet dedotti fic-citazzjoni attrici stante li hija qdiet l-obbligi kollha imposti fuqha mill-ligi. Minkejja l-allegazzjoni tas-socjeta' attrici, jigi osservat illi s-socjeta' konvenuta ftit ikollha access ghall-istess vetturi liema vetturi jinzammu mahzuna fil-Car Compound taht is-supervizjoni kontinwa ta' l-Awtorita' Marittima. Izjed minn hekk, il-post fejn jinzammu il-vetturi huwa sorveljat permezz ta' *close circuit camera*, u dan taht is-supervizjoni ta' ufficjal ta' l-istess Awtorita' Marittima. Dan minbarra l-fatt illi l-vetturi jigu misjuqa minn fuq il-vapur ghal gewwa l-Car Compound minn haddiema tax-xatt, liema haddiema ma jaqghux taht ir-responsabbilta' tas-socjeta' konvenuta. Ghaldaqstant, l-intervent tas-socjeta' konvenuta u tar-rappresentanti taghha f'dan il-kaz huwa

minimu u jillimita ruhu biss a rigward ta' indikazzjoni fuq fejn ghandhom jigu stivati il-vetturi gewwa il-Car Compound, u l-preparazzjoni tad-dokumentazzjoni biex l-istess vetturi jigu kkonsenjati lis-socjeta' importatrici.

3. Illi fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont ta' danni dedott fl-avviz ta' l-attur huwa eccessiv u ghaldaqstant ghandu jigi ppruvat kif l-attur wasal ghall-ammont.

4. Illi fir-raba' lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ebda imghax ma hu dovut stante li s-socjeta' konvenuta qatt ma giet interpellata biex thallas ebda ammont ta' danni, u li siccome din si tratta ta' kawza ta' danni, il-likwidazzjoni ta' l-ammont dovut tigi determinata bis-sentenza finali.

5. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, it-talbiet attrici, il-kwantu diretti kontra s-socjeta' konvenuta, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet Sea Malta Company Limited fejn ecceppiet bir-rispett:

1. Fl-ewwel lok, u fi kwalunkwe kaz, id-danni reklamati ma jirrizultawx mit-Tally Sheet rilevanti, kopji ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok A;

2. Fit-tieni lok il-klawsola tal-esoneru kontenuta fil-polza tal-karigu ghat-tenur ta' liema l-konvenut ma hux responsabbli ghad-danni reklamati;

3. Fit-tielet lok li t-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum stess fejn irrizulta illi ghalkemm dehret Dr. Claire Zammit Stafrace ghall-konvenuti Cargo Handling Company

Limited la l-attur u lanqas id-difensur ma dehru u ghaldaqstant l-istess konvenuti Cargo Handling Company Limited talbu li jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. U wara li l-Qorti rat l-Artikolu 199 tal-Kap 12 u wara li kkonstata ukoll illi la l-attur u lanqas id-difensur tieghu ma dehru ghalkemm imsejha diversi drabi; qieghda tillibera lill-konvenuti Cargo Handling Company Limited mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

S. Farrugia Magistrat
Dep/Reg